# IL-ĦAĠRA TA' MAJMUNA

Tinsab il-Mużew tal-Belt irħama li fuqha nkitbet fl-1173, tifkira tal-mewt ta' Majmuna, mara Għarbija, li mietet u ndifnet ix-Xewkija ta' Għawdex fil-ħâra li sal-lum għadhom igħidulha "ta' Majmuna." Il-baruni De Piru, fl-1845, bagħat din ir-rħama il-Bibljoteka u minn hemm ġiet il-Mużew.

Il-kitba ta' dil-ħaġra hija minn l-isbaħ, minquxa b'reqqa kbira; l-ilsien huwa għarbi u l-ittri huma ta' għamla qadima li tissejjaħ *kúfika*, għax kienet tinkiteb fil-belt ta' Kufa.

Dil-kitba tgħarrafna li xi Għarab, jew Saraċini, baqgħu Malta mal-100 sena wara li l-Konti Ruġġieru keċċa lill-kotra tal-Misilmin, għax ġiet miktuba fl-1173, mita nafu li l-Konti ġie hawn fis-sena 1090. Il-kitba għandha tliet taqsimiet; fil-bidu hemm bħal talba u tifħir 'l-Alla, nbagħad tiġi t-tifkira tal-mewt ta' Majmuna u fl-aħħar hemm biċċa poeżija, bil-versi mqabblin, xi għanja li kienet taf in-nies dak iż-żmien. Il-għarbi qadim ta' dil-kitba hu sabiħ u safi u jixbah wisq il-malti; il-kliem ħelu u jmiss il-qalb.

Ftit snin ilu, il-kitba fissirha b'reqqa kbira il-patri kabuċċin Gabriel d'Aleppo; kitibha lid-direttur tal-Mużew bil-għarbi u qalibha kelma b'kelma bit-taljan.

Hawn se' natu l-kitba kif tinqara bil-għarbi u wara t-tifsir tagħha bil-malti.

Il-kitba bil-għarbi tinqara hekk:

B'ism illah ir-raħman ir-raħim. Wa salla lahu għala n-nabi Muħammad wa għala alihi wa sallam taslima—Li allah għiżża wa el-baqan, wa għala ħalqihi katab el-fana. Wa lakom fi rasul allah wasijjat ħasanat.

Heda qabar Majmuna bint Hassan bin Għali-el-Hadli min Qabes Is-Susi. Tuffijat, raħmat allah għalajha, jawm el-Ħamis atisgħa għaxira min xahr Xahban el-Kabir min sanat tisgħa

wa settin wa ħamsa mijat. Wa hija taxhad ama la Illah ila Illah waħdu la xirarik lahu.

1. 'Onżor li nafsik ħal fil-ard min baqi,
   Aw dafa' el mawt aw lil mawt min raqi.
2. El mawt aħraġani qasra faja asafi
   Lam tanġini minhu athwabi wa agħlaqi.



3. Wa sirt maħna bi ma qaddamt min għamal
   Moħsan għalaja wa ma ħallaftuhu baqi.
4. Ja min ra el-qabr anni qad banit bihi
   Wat-turb għabbar aġfani wa amaqi.
5. Fi madġija wa maqami fil ba la għajbar
   Wa fi noxuri iża ma ġa Ħallaqi.

Bil-malti tfisser hekk :

B'isem Alla l-ħanin, u sella għalih in-nibi (profeta) Muħammed u għal niesu u sellem għalihom tislima. Lil Alla il-kobor ta' dejjem iżda l-ħolqien tiegħu ried li jintemmu. Intom ta' dan f'rasul Alla għandkom xhieda sewwa.

Dan hu l-qabar ta' Majmuna bint Ħasan, bin Alì il-ħadli, minn Gabes ta' Susa. Mietet, il-ħniena t'Alla għaliha, nhar il-Ħamis fis-sittax tax-xahar Xahban il-kbir, fis-sena ħames mija u disgħa u sittin, u hi tixhed li ma hemmx Alla ħlief Alla l-waħdieni li ma għandux xirka.

1. Saqsi lilek in-nifsek, jekk hemmx fl-art min jibqa'
   Jew jitfa' l-ura l-mewt, jew jirqi (ifejjaq) il-mewt.
2. Il-mewt ħarġitni, jaħasra, minn ħajti l-qasira
   u ma ħelsunix minnha t-tjieba u l-ġabra tiegħi.
3. Kont bieżla f'għamili u kull ma għamilt
   mgħadud u jibqa'.
4. Ja min jara l-qabar li ġewwa fih jiena mibnija,
   it-trab għabbar ix-xfar u t-truf ta' għajnejja.
5. F'maqagħdi u f'dari xejn ħlief biki u (xijkun) fil-qawmien tiegħi mita jiġi min ħalaqni ?

Il-kitba tgħid fis-sena 569. Il-Għarab jibdew igħoddu mill-20 ta' Ġunju 622—il-jum li fih Muħammed ħarab mill-Mekka. Dan 'l-jum jissemma' "il-Heġira." jew "Ħiġra".

Is-sena tal-Misilmin fiha 354 jum.

Għalhekk biex issib is-sena tagħna għandek tagħmel hekk:

$$H, \text{jew is-sena tal-Hiġra} - \frac{3\,H}{100} + 621 = A.\,D., \text{ is-sena tagħna}$$

$$\text{Mela } 569 - \frac{3 \times 569}{100} + 621 = 1173$$

Mela sa l-1173 kien għad hawn il-Misilmin u l-Maltin kienu jħalluhom jiktbu bil-għarbi fuq qabarhom. *Xahban-il-Kbir*, huwa wieħed mix-xhur tal-Misilmin.

T. Z.